MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2009

Numru. 809/2009

**Il-Pulizja**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Gregory Paul Brincat**

Kumpilazzjoni Nru: 809/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi **Gregory Paul Brincat** ta' 49 sena, bin Saviour u Rosa nee' Mifsud Speranza, imwieled Zejtun fit-18 ta' Mejju 1960, residenti f' Logga, 29, Triq tal-Mielah, Madliena, Swieqi u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 330860(M)

Talli f'dawn il-Gzejjer, fi Frar 2009 jew fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezz ta' rigali, weghdiet, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn ikkorrompew ufficjal jew ufficjali fid-Dipartiment tal-VAT, u minhabba dan, dan l-ufficjal jew ufficjali fid-Dipartiment tal-VAT naqas jew naqsu li jaghmel jew jaghmlu dak li kien fid-dmir tieghu jew taghhom li jaghmel jew jaghmlu;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil Saviour Micallef li asserixxa jew ikkonferma li kien kapaci jaghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedu ufficjali fid-Dipartiment tal-VAT, u dan sabiex igieghel lil Saviour Micallef jesercita dik l-influwenza;

u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu ta' direttur ta' S&R (Handaq) Limited, S&R (Packaging) Limited, Legno Lack Company Limited u Brincat's Company Limited, b'mezz ta' rigali, weghdiet, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-ewro (€2329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezz ta' rigali, weghdiet, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita'

pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezz ta' rigali, weghdiet, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn ghamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw taghrif mehtieg ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud filwaqt li kienu jafu li ma kinux korretti jew qarrieqa f'xi rigward materjali.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 18, 42, 115(c), 119, 120(1), 121A(1), 188, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 77(b) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum 9 ta' Settembru 2009 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja meta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat odjern jinkwadraw ruhhom f'kaz ferm aktar wiesa' u li nvoluti fih hemm ghadd ta' persuni ohra li fil-konfront taghhom ukoll hemm proceduri penali pendenti.

Illi l-involviment ta' kull wiehed minn dawn il-persuni fil-kaz in kwistjoni jvarja mhux biss fin-numru ta' imputazzjonijet li l-agir taghhom jinkwadra ruhu fihom imma anke fin-natura tar-reati li allegatament gew kommessi minn kull wiehed minn dawn il-persuni u fil-frekwenza ta'l-agir kriminuz da parti ta' kull wiehed mill-persuni involuti f'dan il-kaz.

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li b'l-ghajnuna ta' terrza persuna gew sottomessi denunzji (ta' socjetajiet kummercjali rapprezentati mill-imputat) skorretti biex jonqos l-ammont ta' taxxa dovuta minn dawn is-socjetajiet.

Illi jirrizulta ukoll li fil-mori tal-proceduri l-imputat issottometta denunzji korretti u anke qed ihallas it-taxxa dovuta minnu.

Illi l-Qorti hadet inkonsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat ikkollabora ma'l-ufficjali investigattivi, ammetta l-involviment tieghu mhux biss f'l-istqarrija imma anke f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 42, 115(c), 119, 120(1), 121A(1), 188, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 77(b) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'appikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha (4) snin kif ukoll ghal multa ta' sebgha mitt Euro (Euro 700) li ghandha tithallas fi zmien tlett (3) xhur. In oltre il-Qorti qed tordna fil-konfront ta' l-imputat l-interdizzjoni generali perpetwa u ghal dan il-ghan tordna li, a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti, is-sentenza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommetti reat iehor f'perjodu ta' erbgha snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------